MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 368/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Mario Dingli**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli f'dawn il-Gżejjer nhar is- 7 ta' Dicembru 2001 u fis-sentejn ta' qabel gol-Imtaħleb, limiti tar-Rabat u fi bnadi oħra f'Malta f'ħinijiet differenti

(a) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet oħra li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) u 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta***, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kentix għall-użu esklussiv tiegħu;***

(b) ukolli talli biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża;

(e) ukoll talli fl-istgess ħin, data u eirkostanzi beigħ jew offra li jbiegħ droga ristretta u psikotropika (ecstasy) kontenenti s-sustanza (methlenedioxyamphetamine) li hija kkontrollata u ristretta bil-ligi taħt it-Tielet Skeda parti A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza;

(d) kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 3 (1) ta' l-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40 (A) u 120 (A) u t-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 ta' l-Att V tal-1985 kif emendat.

(e) Ukoll li kellu fil-pussess tieghu armi tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

(f) Ukoll li kellu fil-pussess tieghu munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

(g) ukoll talli fl-istess zmijijiet ffalsifika biljetti tal-flus jew mexxa biljetti tal-flus ffalsifikati li kien jaf li kienu ffalsifikati u cioe liri Maltin u dan bi ksur ta' l-Artikolu 45 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta

(h) Ukoll minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli xtara jew rceva minghand xi persuna jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu biljetti ta' flus ffalsifikati li kien jaf li l-istess biljetti kienu ffalsifikati u

cioe liri Maltin skond l-Artikolu 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

(i) Ukoll talli matul is-sena 2001 fl-istess lok u cirkostanzi, ikkoltiva l-pjanta cannabis u dan bi ksur tal-artikolu 8(e) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti ntalbet li f'każ ta' sejbien ta' ħtija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Lulju, 2010 fejn wara li rat l-artikoli 18, 28A u 533 tal-Kap 9, l-artikolu 3 tal-Kap 46 u l-artikoli 45 u 46 tal-Kap 204 sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet (e), (f) u (h), illiberat lill-imputat mill-imputazzjoni (g) minħabba nuqqas ta' provi u illiberat lill-imputat mill-imputazzjonijiet (a), (b), (c), (d) u (i) għaliex dawn m'huma koperti b'edba
artikolu mibgħut mill-Avukat Āenerali. Dwar il-piena, il-Qorti, waqt li kkonsidrat li l-imputat kien jibbenefika millartikolu 29 tal-Kap 101 fi grad wieħed biss li kieku nstab
ħati ta' xi imputazzjoni dwar il-pussess, il-pussess aggravat jew il-bejgħ ta' xi droga, dan il-beneficcju ma jgħoddx għall-imputazzjonijiet li tagħhom instab ħati limputat.

Il-Qorti ikkundannat lill-imputat għall-piena ta' prigunerija ta' 15-il xahar liema piena għandha tibqa' sospiża għal erba' snin sakemm l-imputat ma jwettaqx xi reat matul dan il-perjodu u għall-ħlas ta' multa ta' 70 Ewro. Il-Qorti spjegat l-artikolu 28A tal-Kap 9.

Il-Qorti ordnat li l-flus foloz jkunu għad-dispożizzjoni tal-Bank Centrali.

Il-Qorti ordnat l-konfiska tal-armi kif ukoll tal-munizzjon.

Fl-aħħarnett ordnat d-distruzzjoni tad-droga kollha taħt issorveljanza tar-registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-14 ta' Awissu, 2010 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma u timmodifika s-sentenza appellate billi:

a) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet htija fl-appellat u illiberatu minn l-imputazzjoni bl-ittra 'g'; u
b) tirrevokaha f'dik il-parti fejn il-Qorti illiberat lill-imputat minn l-imputazzjonijiet 'a', 'b', 'c', 'd' u 'i' ossia l-imputazzjonijiet li jemanaw mill-Kapitolu 101 u l-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta

u minflok ssib lill-imputat hati ta' dawn l-imputazzjonijiet u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

1) filli l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ikkonvertiet ruha ghal-Qorti Istruttorja meta ma kellha l-ebda poter taghmel dan;

2) minghjar pregjudizzju ghall-ewwel aggravju, filli l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghaddiet ghad-decizjoni taghha fuq il-mertu wara li ghamlet interpretazzjoni u applikazzjon zbaljata tal-ligi procedurali, u dan meta lliberat lill-appellant minn l-imputazzjonijiet relatati mad-drogi minhabba li l-Avukat Generali ma kienx semma l-artikoli tal-Ligi relatati mad-drogi preikoluzi u psikotrpici.

L-esponent umilment jissottometti li kieku ma nghatax id-digriet ta' tnax (12) ta' Ottubru, 2007 u li kieku ma saritx din l-interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi procedurali, kieku l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma setghetx tillibera lil imputat appellanti mill-imputazzjonijiet relatati mad-droga.

Ikkunsidrat.

Illi l-appell ta’ l-Avukat Generali huwa msejjes fuq punt procedurali. Irrizulta mill-provi illi l-appellat Mario Dingli fil-hmistax (15) ta’ Ottubru, 2002 gie mressaq il-Qorti biex iwiegeb ghal diversi akkuzi fosthom dawk bi ksur tar-Regolamenti tal-Kap 101 u tali Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll reati ohra in konnessjoni ma ksur ta’ l-ordinanza dwar l-armi Kap 66 u l-Kap 204 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Att dwar il-Bank Centrali ta’ Malta. Mall-prezentata gew esebiti fl-Atti l-ordni ta’ l-Avukat Generali biex ir-reati taht il-Kap 101 u l-Kap 31 jinstemghu mill-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali (fol 3 u 4). Hekk kif bdiet tinstema’ l-kawza fit-tnax (12) ta’ Ottubru, 2007 il-Qorti ddikjarat “Il-Qorti tordna li din tigi resa kumpilazzjoni u ma tibqax izjed ikkunsidrata bhala kawza drogi sommarja” (fol 18). Il-Qorti ma tatx ir-ragunijiet taghha ghaliex ghamlet din l-ordni, pero’ prezumibilment il ghaliex ir-reati taht il-Kap 204 u l-Kap 66 jistghu jissuperaw l-kompitenza originali tal-Qorti tal-Magistrati. Hi x’inhi, din l-ordni baqghet fl-Atti, nstemghu x-xhieda, l-process intbaghat ghand l-Avukat Generali li ma ghamel l-ebda reklam ghal dan il-verbal u baqa’ jibghat rinviji lill-Qorti tal-Magistrati sabiex jisma l-provi li jkun fadal. Il-process baqa’ ghaddej u fl-att tar-rinviju finali tad-disgha u ghoxrin (29) ta’ April, 2009 (fol 99), l-Avukat Generali baghat l-Artikoli illi koprew ir-reati taht il-Kap 9, Kap 66 u l-Kap 204 u rrefera ghall-ordnijiet precidenti tieghu a fol 3 u 4 tal-process. B’Sentenza moghtija fit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Lulju, 2010 fost affarijiet ohra, l-Qorti qalet “illi fl-Artikli mibghutin mill-Avukat Generali ssemmew biss dawk illi ghandhom x’jaqsmu ma l-imputazzjonijiet dwar l-armi u z-zamma ta’ flus foloz. Dan ifisser li l-Avukat Generali ffoka biss fuq l-imputazzjonijiet e, f, g u h u ma ta ebda Artikolu dwar l-imputazzjinnijiet a, b, c, d u i. Fis-Sentenza taghha l-Qorti hija marbuta ma l-Artiklu li jaghti l-Avukat Generali. Fl-assenza ta’ l-Artiklu dwar l-imputazzjonijiet dwar dawnl-imputazzjonijiet, jigifieri a, b, c, d u i l-Qorti qed tillibera lill-imputat minn dwn l-imputazzjonijiet.”

Din il-Qorti taqbel ma l-argument ta’ l-Avukat Generali li hawn hekk il-Qorti tal-Magistrati ghamlet apprezzament hazin tal-Ligi.

Ikkunsidrat.

Jibda biex jinghad illi l-ordni illi tat il-Qorti permezz tal-verbal tat-tnax (12) ta' Ottubru, 2007 (fol 18) kien wiehed zbaljat u ma setghetx tordna illi l-kawza tigi resa kumpilazzjoni b'konfront dirett ma l-ordni ta' l-Avukat Generali ta' l-ghaxra (10) ta' Lulju 2002. l-Avukat Generali hu awtorizzat jaghti dik l-ordni bis-sahha tas-sub Artiklu 2 ta' l-Artiklu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 kif ukoll bis-sahha tas-sub Artiklu 2 ta' l-Artiklu 120A ta' l-Ordinanaza dwar il-Professjoni Medica u l-professjonijiet illi ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31. Kif qalet il-kawza "Repubblika vs Emanuel Grech et", sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru, 1990 ". . . . l-ezercizzju ta' din id-deskrizzjoni mhux sindakabli la mill-Awtorita lanqas minn dik gudizzjarja . . . ." u ghalhekk il-Qorti kienet <u>obbligata</u> li toqghod ghal dawk l-ordnijiet u tisma' r-reati li kellhom x'jaqsmu ma dawk il-kapi b'mod sommarji. Id-difiza argumentat illi ma jistax ikun illi l-Qorti tinaqasam fi tnejn parti tkun kumpilazzjoni u parti tkun resa sommarja. Din il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument u ma hemm xejn irregolari illi f'kawza certa reati jkunu ta' kompetenza bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u ohrajn bhala Qorti Struttorja. Li kellha taghmel il-Qorti f'dan il-kaz huwa illi tkompli tisma l-kawzi li jaqghu taht il-Kap 101 u dawk taht il-Kap 31 b'mod sommarji u titratta rr-reati l-ohra bhala kumpilazzjoni u tibghat l-Atti lill-Avukat Generali sabiex jikkonsidra l-provi biss ghal dawk illi ghandhom x'jaqsmu mal-Kap 66 u l-Kap 204. Kien ghalhekk gustament illi fl-ahhar att tar-rinviju tad-disgha u ghoxrin (29) ta' April, 2009 (fol 99) l-Avukat Generali baghat biss l-Atti ghal gudizzju ghal dawk li jirrigwardja r-reati taht il-Kap 9, Kap 66 u l-Kap 2 u 4. Ir-reati 'l ohra taht il-Kap 101 u l-Kap 31 kienu koperti bl-ordni originali tieghu ta' l-ghaxra (10) ta' Lulju, 2002 liema ordni baqa' in vigore t-tul kollu ta' dan il-process u l-Qorti kienet resa kompetenti biex tisma dawn il-kawzi permezz ta' dawk l-ordnijiet.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-agravji ta' l-Avukat Generali jisthoq li jkunu milquh u tiddikjara illi l-ewwel Qorti ghamlet

interpretazzjoni zbaljata tal-Ligi procedurali u kellha wkoll tieghu nkonsiderazzjoni r-reati taht il-Kap 101 u l-Kap 31. Ghalhekk bis-sahha ta' l-artiklu 428 (1) (3) tal-Kap 9 il-Qorti sejra tiddeciedi l-kawza fuq il-mertu.

Ikkunsidrat.

Minkejja li l-ewwel Qorti ma ddecidietx taht il-Kap 101 u 31 waslet ghal konkluzjoni illi minn ezami forensici rrizulta illi l-appellat kien fil-pussess ta' 58 pillola ecstasy li 25% taz-zerriegha tal-kannabis li kien hemm fid-dokument 01CQP13 kienu germinabl; hames (5) pilloli celesti kienu halcion u huma kontrollati taht il-parti B tal-Kap 31. Kien hemm tracci tal-cannabidiol u cannabidol, sustanzi li mhux kontrallati bil-ligi izda li jindikaw li l-pipa kienet uzata biex titpejjep ir-raza jew il-weraq tal-pjanta kannabis; 58 pillola nstab fihom is-sustanza MDMA, kien hemm tracci ta' THC fit-tray tal-plastic; li kien hemm zewg (2) blokki ta' sustanza kannella li kien fihom it-THC (9.70) grammi; u tracci tal-kokaina fid-dokument 01CPQ01. PC 1473 Simon Deguara xehed illi fis-sebgha (7) ta' Dicembru, 2001 kienu dahlu jaghmlu search fil-farmhouse fejn kien hemm l-imputat. Waqt it-tfittxija nstabet hamisn (50) pillola suspettati ecstacy u bott iehor li kien fih tmienja (8). F'portmoney nstabu xi zerriegha tal-kannabis u fil-kamra tas-sodda nstabu tliet (3) revolvers bil-bullets u karti tal-hames Liri suspettati foloz. L-appellat ma nnegax il-provenjenza voluta ta' dawn l-oggetti, qal li kien hu ilu juza l-kannabis xi sentejn waqt li l-ecstasy kien ilu juzha minn Awwissu, 2001. Ammetta illi kellu xitla tal-kannabis illi kienet xi tliet (3) piedi, kienet mietet u ha z-zerriegha minn din ix-xitla biex jipprova jizra' aktar pjanti. Meta kien jattendi parties kien igib id-droga ghalih, huwa cahad li kien ibieh jew qassam xi ecstasy. Gieli gie mitlub sabiex ibieh l-ecstacy u dana kien jaghmlu bil-prezz li kien jigi lilu. L-appellat kien ipejjep joints il-hin kollu u lil shabu gie li tahom wahda l-hemm u l-hawn. Il-flus foloz kien ammetta li kien xtrahom minn ghand wiehed illi rrifjuta li jikxef l-identita tieghu. Skont PS 1225 Mario Fenech adett mar-Registru tar-Registrazzjoni ta' l-Armi l-appellat qatt ma kellu registrat f'ismu xi armi.

Ikkunsidrat.

Dawn ir-rizultanzi juru bic-car illi l-appellat kellu jinstab hati tar-reati in konnessjoni mal-Kap 101, il-Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u mhux biss tar-reati l-ohra nkonnessjoni mal-Kap 66 u l-Kap 204. irrizulta fi grad li trid il-Ligi illi l-appellat kien fil-pussess volut tal-kannabis, l-ecstasy u droga ohra pprojbita u l-Avukat Generali ghandu ragun fit-talba tieghu.

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa l-appell, tirriforma u timmodifika s-Sentenza appellata billi tikkonfermha f’dik il-parti fejn sabet htija fl-appellat u lliberatu mill-imputazzjonijiet bl-ittra g u tirrevokha f’dik il-parti fejn il-Qorti lliberat lill-appellat mill-imputazzjonijiet a, b, c, d u i u minflok tiddikjara lill-appellat hati ta’ dawn l-imputazzjonijiet u wara li kkunsidrat li l-appellat kien ibbenefika mill-Artiklu 29 tal-Kap 101 tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta’ prigunerija ta’ sentejn (2) b’dana illi wara li rat l-Artiklu 28(a) tal-Kap 9 tordna li dan it-terminu jkun sospiz ghal erba’ (4) snin, kif ukoll ghal hlas ta’ multa ta’ mitt Euro (€100). Il-Qorti tordna li l-flus foloz jintbghatu ghad-dispozizzjoni tal-Bank Centrali u tordna l-konfiska ta’ l-armi u wkoll il-munizzjon.

Fl-ahhar nett tordna d-destrizzjoni tad-droga kollha taht is-sorveljanza tar-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------